MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1002/1994/1

**Carmelo Lopez; u b’ digriet tal-Qorti tal-21 ta’ Gunju 2004, giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju a favur Antonella Galea bhala ezekutrici testamentarja ta’ l-attur Carmelo Lopez li miet fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Mario Mizzi u martu Maria Concetta Mizzi**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-4 ta’ Awissu 1994 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien ilu residenti l-Ingilterra ghal tletin (30) sena qabel ma rritorna Malta fl-24 ta’ Jannar, 1992;

U premess illi l-attur kellu s-somma ta’ elfejn u hames mitt (2,500.00) lira sterlina investita fin-Nationwide Anglia Building Society, numru mija disgha u ghoxrin (129), Balham High Road, Balham SW12 9BQ li kienet timmatura ghall-ahhar ta’ Jannar/bidu ta’ Frar, 1992;

U premess illi allura l-fuq imsemmi investiment kellu jimmatura wara r-ritorn ta’ l-attur lejn Malta;

U premess illi l-attur talab lill-konvenut u l-konvenut accetta li malli jimmatura l-fuq imsemmi investiment il-fuq imsemmija flus jigu trasferiti f’ joint account ma’ mart dan ta’ l-ahhar, il-konvenuta, fil-Lombard North Central, Box 100, Redhill, Surrey RH1 1YQ, account number 100-41-10790942-0 biex dawn imbaghad jigu trasferiti lill-attur meta jrid wara li jkun irritorna Malta;

U premess illi ghalhekk fl-20 ta’ Jannar, 1992 l-attur ta struzzjonijiet lill-imsemmija Nationwide Anglia Building Society, 129 Balham High Road, Balham SW12 9BQ sabiex taghmel it-trasferiment ta’ l-imsemmija somma ta’ elfejn u hames mitt (2,500.00) lira sterlina ghall-account numru 100-41-10790942-0 f’ isem il-konvenut mal-Lombard North Central, Box 100, Redhill, Surrey RH1 1YQ liema trasferiment debitament sar meta immatura l-kont man-Nationwide Anglia Building Society;

U premess illi dan l-arrangament sar anke minhabba l-fatt illi huwa projbit illi “building societies” fl-Ingilterra jibaghtu flus barra dak il-pajjiz biex b’ hekk, in vista ta’ l-istess arrangament, l-attur kien ikun jista’ jiehu flusu mhux direttament minghand il-fuq imsemmija Nationwide Anglia Building Society izda mill-fuq imsemmi kont f’ isem il-konvenuti fil-Lombard North Central minn fejn ma kienx hemm din ir-restrizzjoni;

U premess illi xi sena wara r-ritorn ta’ l-attur lejn Malta dan beda jistaqsi lill-konvenuti ghal flusu izda dawn ghall-ewwel ippruvaw jiddiswaduh izda mbaghad l-attur insista u kiteb lill-konvenut tlett darbiet fi zmien tlett xhur izda dan qatt ma rrisponda;

U premess illi mbaghad il-konvenuta ghamlitha cara lill-attur li l-konvenuti ma kienux disposti jizbankaw l-imsemmija flus u jaghtuhom lill-attur ghar-raguni li l-attur kien tahomlhom b’ titolu ta’ donazzjoni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fuq imsemmija somma ta’ elfejn u hames mitt (2,500.00) lira sterlina fil-joint account numru 100-41-10790942-0 fil-Lombard North Central, Box 100, Redhill, Surrey, RH1 1YQ hija ta’ l-attur u qatt ma kien iddonaha lill-konvenuti u;

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma, ekwivalenti fi flus Maltin fid-data tas-Sentenza ghal elfejn u hames mitt (2,500.00) lira sterlina;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fil-21 ta’ Ottubru 1994 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi s-somma ta’ elfejn u hames mitt lira sterlina (Stg 2500) mitluba mill-attur kienet giet minnu mhallsa lill-esponenti bhala kumpens ghal servigi lilu forniti fuq medda ta’ hafna snin;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-Digriet ta’ l-4 ta’ Lulju 1995 li permezz tieghu gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici,

wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit nominat, li jinsab a fol. 197 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2005;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ kritika pprezentata fl-20 ta’ Dicembru 2005 mis-subentrata ezekutrici testamentarja ta’ l-attur li miet fil-mori tal-kawza; kif ukoll in-nota responsiva tal-konvenuti ntavolata fil-31 ta’ Jannar 2006;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni esperita mill-attur hi wahda ghall-otteniment ta’ talba deklaratorja illi huwa qatt ma ddona lill-konvenuta s-somma ta’ elfejn u hames mitt lira sterlina (£Stg 2500), konsegwita minn talba ghall-kundanna ta’ l-istess konvenuti ghar-restituzzjoni lilu ta’ din is-somma. Kontra dawn it-talbiet il-konvenuti jiddefendu ruhhom bil-kontenzjoni illi dik is-somma kienet inghatat lilhom mill-attur ghal servigi minnhom lilu rezi;

Il-punt legali li fuqu jiddependi l-ezitu ta’ din il-kawza jirrigwardja x-xorta ta’ rapport guridiku bejn il-kontendenti. Kif spiss jigri f’ kazi simili fejn tinsorgi konflittwalita` fil-provi, mhux ghal kollox nieqsa minn certa pika, jinkombi fuq il-Qorti li tindaga bir-reqqa dwar il-veri intenzjonijiet tal-partijiet fil-mument li s-somma indikata ghaddiet mill-poter ta’ l-attur ghal dik tal-konvenuti. Dan qed jinghad in kwantu huwa bil-wisq sintomatiku illi, dment li r-relazzjonijiet bejniethom kienu kordjali u mnebbha minn

certu rapport affettiv, il-qaghda kienet wahda pjuttost pacifika ghal dik li hi mgieba u konoxxenza retta tar-rapport fattwali. Dan kollu nbidel f' tebqa ta' ghajn mal-kambjament fl-atteggjament. Bidla din li gabet maghha mhux biss l-allontament minn xulxin imma wkoll konfuzjoni tal-fatti. Hekk l-attur jallega li, nonostante it-trasferiment, il-kapital baqa' dejjem proprjeta` tieghu. Invece, il-konvenuti jirribattu li s-somma nghatat lilhom bi tpattija ghal dak li l-konvenuta ghamlet fi prestazzjonijiet lill-attur ghal numru ta' snin. Huwa proprju mill-kwadru tal-provi li trid tigi rikavata l-intenzjoni tal-partijiet;

Fil-qosor, il-fatti jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:-

(1) L-attur kien, sa minn ckunitha, familjari mal-konvenuta tant li ghalija kien maghruf bhala "Uncle Ciali". Huwa ghamel snin jghix l-Ingilterra u meta sahhtu bdiet tmajna gie perswadut mill-konvenuta jirritorna lura Malta, fejn il-konvenuta haditlu hsieb, mhux minghajr tahbit, issiblu sistemazzjoni fid-dar ta' l-anzjani f' Ta' Sawra, ir-Rabat;

(2) L-attur kellu investiment ta' elfejn u hames mitt lira sterlina (£Stg 2500) fin-Nationwide Anglia Building Society li kellu jimmatura f' xi zmien wara r-ritorn tieghu f' Malta. Huwa ghalhekk iddecieda illi mal-maturazzjoni din is-somma tghaddi fl-akkont bankarju li l-konvenuti kellhom fl-Ingilterra. Dan l-akkont kien wiehed kurrenti. L-attur jiddikjara li huwa ghamel dan l-arrangament ghaliex il-"building societies" fl-Ingilterra ma setghux jaghmlu rimessi barra l-pajjiz. Incidentalment, din id-dikjarazzjoni tidher li hi konfutata mill-ittra ta' l-imsemmija Building Society, datata 5 ta' Lulju 1995 esebita a fol. 195;

(3) Jirrizulta li kien appattwit li fuq dik is-somma l-attur ikompli jircievi l-interessi. Effettivament, aktar tard, meta allura hu kien diga` qieghed Malta, l-akkont f' isem il-konvenuti, in kwantu ghas-somma specifikata, gie konvertit f' "*term deposit account*" biex jirrendi aktar imghax;

(4) Wara li gie lura Malta fl-24 ta' Jannar 1992 l-attur jidher li ghadda biex immedjatament jaghmel testment (28 ta' Jannar 1992) fejn fih innomina lill-konvenuta b' eredi assoluta ta' l-assi tieghu, u f' kaz ta' premorjenza taghha, lill-konvenut u l-ulied flimkien f' porzjonijiet ugwali (ara para. 11 ta' l-Affidavit tieghu, fol. 24). Gja qabel dan, meta kien ghadu l-Ingilterra, huwa kien, b' testment iehor, halla l-gid tieghu ghall-wara mewtu lill-konvenuta (para. 10); skond il-konvenuta, bhala ko-eredi flimkien ma' iben oht l-attur (fol. 130);

(5) Jirrizulta li fl-istess okkazjoni li fiha l-attur ghamel it-testment imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo` huwa ghadda lill-konvenuta s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000), ukoll soggetta ghall-hlas ta' l-imghax lilu. Dan l-imghax, kemm fuq din is-somma kif ukoll fuq dik ta' £Stg 2500 baqghu jigu mghoddija lill-attur, anke wara li l-partijiet intrefghu minn xulxin;

(6) L-attur jghid, mhux negat, illi hu kien jghaddi lill-konvenuti ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha biex ikopru l-ispejjez u b' korrispettiv ghall-*weekends* li hu kien jghaddi ghand il-konvenuti, hrug bil-karozza u prestazzjonijiet simili. Huwa accettat minn kull min xehed, kompriz il-konvenuti, ili l-attur kien bniedem generuz hafna;

(7) In succint, il-konvenuti jistqarru illi kienet decizjoni esklussiva ta' l-attur illi s-somma indikata ta' £Stg 2500 tigi trasferita lilhom, u kien bil-pjena volonta` u konsapevolezza ta' l-attur li saru l-pratiki bankarji necessarji in kontemplazzjoni u b' ezekuzzjoni ta' dik l-istess volonta` u arrangament dwar l-interessi. Il-konvenuta tirrakkonta inoltre s-servizzi li hi rrendeniet lill-attur, bhal qadi, hasil, xiri, hrug bil-karozza u bzonnijiet ohra. Tafferma wkoll kif inbidel l-atteggjament ta' l-attur fil-konfront taghhom, specjalment wara xi diskors li allegatament intqal minn ommha u l-vakanza taghhom fl-Iskozja;

(8) Effettivament, jidher li din il-bidla fl-imgieba ta' l-attur fir-rigward tal-konvenuti gabet maghha l-insistenza ripetuta ta' l-attur ghar-restituzzjoni lilu tas-somma

stabbilita. Ara ittri tieghu lill-konvenut a fol. 15, 17, 18 u 19 tal-process;

Fermi dawn il-fatti, il-perit legali nominat minn din il-Qorti jippernja l-konlkluzjoni tieghu ghac-cahda tad-domandi attrici fuq zewg kunsiderazzjonijiet, u, cjoe, (i) in parti si trattava ta' att ta' gratuwita, u (ii) in parti, rikonixximent ghas-servigi antecedentement prestati, u wkoll dawk futuri, da parti tal-konvenuti. Huwa jasal ghal din id-deduzzjoni wara riflessjoni b' dawn il-motivazzjonijiet:-

(1) Manifestament, il-provi werew li kien hemm rabta qawwija ta' affett reciproku bejn il-partijiet. Dak li ghamel l-attur sar minn jeddu, b' rikonoxxenza ta' dak li l-konvenuta ghamlet mieghu. Gja minn zmien qabel it-trapass ta' l-ammont involut, l-attur kien ta indikazzjoni cara ta' dan ir-rikonoxximent bit-testment li kien ghamel meta kien ghadu jirrisjedi l-Ingilterra;

(2) L-attur ma gabx provi sufficcjenti u konkreti biex isostni l-allegazzjoni tieghu li hu akkonsentixxa li jhalli s-somma depozitata f' isem il-konvenuti minhabba kwestjoni ta' taxxa;

Forsi ma' dawn ir-riflessjonijiet jistghu jsiru dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:-

(i) Jekk, kif ritenut mill-attur, hu kellu l-intenzjoni li jgib dawk il-flus Malta, dan seta' facilment ghamlu fl-intervall ta' kwazi sentejn li damet tipperdura r-relazzjoni tajba tieghu mal-konvenuti;

(ii) Kif taraha din il-Qorti, il-verita` donnha tidher li hi li hu ma ghamelx dan il-pass ghax kien konxju tal-fatt li t-trasferiment li ghamel lill-konvenuti kien, tabilhaqq, bi tpattija u biex jirreciprokalhom l-ghajnuna li dawn tawh. Dak mistqarr minnu dwar ir-raguni li ma fetahx kont bankarju f' Malta "ghax kont kuntent bl-arrangament li ghamilt mal-konvenut u kont qed niehu l-imghax" (fol. 177) ghandu ragonevolment, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jigi

interpretat f’ din il-kjave. Dan anke ghaliex, kif sostenut mill-konvenuti, l-attur ried jaghtihom dik is-somma f’ hajtu biex jiffrankalhom it-taxxa tas-successjoni, una volta kienu ser ikunu l-werrieta tieghu;

Fuq il-valutazzjoni taghha tar-rizultanzi istruttorji, din il-Qorti ma tara xejn inverosimili illi essenzjalment kien hemm, fil-fattispeci, element mist ta’ donazzjoni liberali u donazzjoni rimuneratorja. Jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet “**Lucia Bonnici -vs- Gio Maria Spiteri**”, Qorti Civili, Prim’ Awla, 13 ta’ Jannar 1948 (**Kollez. Vol. XXXIII P II p 177**) illi “l-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk ghall-hlas tas-servigi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk ghas-servigi d-donanti ma kienx hlief sottopost lejn id-donatarju ghal dover morali ta’ rikonoxxenza. Fit-tieni kaz id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigwardi taghha kollha, disposizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel kaz id-donazzjoni hija, generalment, ta’ natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggvernaw id-donazzjonijiet oneruzi”;

Jitnissel minn dan illi donazzjoni bhala din issir, ordinarjament, biex tigi zdebitata prestazzjoni li ssir lid-donanti jew biex jigi premjat id-donatarju. Hi, allura, determinata minn dak is-sentiment ta’ gratitudni b’ rikonoxximent kompensativ ghal servizzi ricevuti. L-importanti hu li r-rimunerazzjoni jkollha, bhal ma jidher li hu l-kaz hawnhekk, karattru spontaneju. Dan anke ghall-kaz fejn is-servizz ma jkunx necessarjament ippreceda d-donazzjoni;

Issa huwa veru li f’ wahda mill-ittri tieghu lill-konvenut (fol. 15), l-attur jinsisti li “*I in no way and to all intent and purpose renounced to the ownership of this money*”, imma fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti dan ma jistax ma jkunx evalwat u mizurat hlief bhala kambjament ta’ l-intenzjoni originarja tieghu u ta’ dak l-atteggjament mutevoli suggerit lilu mic-cirkostanzi, u, forsi wkoll, mill-kaptazzjoni u interessi ta’ terzi. Hu x’ inhu, dan it-tibdil tal-

hsieb ma jistax ma jitqiesx rejazzjoni ghall-dawk l-istess cirkostanzi u interessi estranei ghar-rapport, li sa meta sehhew jew intervenew, kien wiehed affettwuz u kordjali. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti, pero`, dan il-kambjament fl-atteggjament ma jistax, u ma ghandux, ihassar jew jinnewtralizza dik l-intenzjoni orginarja u l-fatt cert ta' l-effettiva tradizzjoni tas-somma kapitali in diskussjoni, meta saret, u hekk manifestanti l-volonta` preciza fl-attur li jiddona dik is-somma u jizvesti ruhu rrevokabilment minnha, salv ghall-uzufrutt taghha, hekk possibbli wkoll skond it-termini ta' l-Artikolu 1777 tal-Kodici Civili;

Bi twegiba ghal certa sottomissjoni ta' l-attur irid jinghad illi, kif konkordament ricevut f' gurisprudenza kwazi pacifika "fil-prestazzjonijiet tas-servigi mhix prezunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment." (**Kollez. Vol. XXXVIII P II p 568**. Ara wkoll **Vol. XLIX P II p 664**, "**Elizabeth Vasallo *et* -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974 u "**Mary Grace Attard –vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989, fost ohrajn);

Fuq il-fatti attendibbli, mill-perspettiva ta' l-attur, l-atti minnu kompjuti – it-testmenti u l-versament tal-flejjes, kemm tas-somma ta' elf lira Maltija u dik ta' elfejn u hames mitt lira sterlina – ghandhom minnhom infushom il-karatteristika ta' dik l-ispontanjeta` aktar 'il fuq accennata. Dan anke bhala sinjal tangibbli ta' dak l-apprezzament specjali li l-attur, minn rajh, u b' mod spontaneju, wera fir-rigward tal-konvenuti ghal dak li ghamlu mieghu. F' kuntest bhal dan il-proporzjoni bejn l-ammont donat u l-prestazzjonijiet effettwati mhumiex *per se* idoneu f' dan il-kaz biex tizvesti r-rapport guridiku intervenut mill-karatteristici tieghu ta' donazzjoni rimuneratorja. Huwa l-kaz, allura, li din il-Qorti tabbraccja r-ragonament tal-perit gudizzjarju u tadopera l-konkluzjoni raggunta fir-relazzjoni peritali tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez gudizzjarji jibqghu sopportabbli mill-attur ossija mis-subentrat fl-eredita` tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------